**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Neville Aquilina**
**V**

**KEVIN GATT**

**Illum, 28 ta' Marzu, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **KEVIN GATT** ta’ tlieta w ghoxrin sena, bin missier mhux maghruf u Dolores sive Doreen nee Gatt, imwieled San Giljan nhar s-sittax ta’ Dicembru, 1975 u joqghod ‘Annexe Flats’, Flat 1, Triq Ball, Paceville, detentur tal-karta tal-identita numru 69976M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-hmistax ta’ Jannar, 1999 u f’dawn l-ahhar sitt xhur qabel din d-data;

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ipproduca, biegh, jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjoni li jkollhom bhala bazi din r-raza.

c. Talli f'dawn il-Gzejjer fil-hmistax ta' Jannar, 1999 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika (ecstasy u LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, kif wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, kkonsenja medicina specifikata u psikotropika (ecstacy u LSD) lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienux xort'ohra awtorizzati bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu bi ksur tar-regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985 kif emendat.

d. Kif wkoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal- President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinetx ghall-uzu personali tieghu.

e. Talli f'dawn il-Gzejjer fil-hmistax ta' Jannar, 1999 u f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew parti minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

f. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis jew xi preparazzjoni li jkollhom bhala bazi din r-raza u da bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

g. Talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar sitt xhur qabel il-hmistax ta' Jannar, 1999 minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett ta' flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu falsifikati u cioe liri maltin u dan bi ksur tal-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

h. Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1997.

Il-Qorti giet mitluba sabiex apparti l-piena tordna l-konfiska tal-liri maltin foloz u tordna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-esperti nominati.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Jannar, 1999 ai termini tal-artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31) dokument CSH 2 a fol 10 tal-process il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Jannar, 1999 moghti skond l-artikolu 22(f) tal-Ordinanza

dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) dokument CSH 3 a fol 11 tal-process.

Rat il-kontr'ordni u artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-hmistax ta' Ottubru, 1999 a fol 191 tal-process.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll dawk tad-Difiza.

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-Pulizija kienet irceviet informazzjoni anonima li certu persuna bl-isem ta' Kevin li jahdem l-Qorti, kien qed jittraffika d-droga fl-inhawi ta' Paceville. Illi mill-investigazzjoni li ghamlet fuq dan r-rapport il-Pulizija rnexxilha tistabilixxi fejn kien qed jghix dan Kevin u cioe li kien telaq mid-dar minn B'Kara u mar jghix ghal rasu f'appartament fi Triq Ball f'Paceville.

Fil-hmistax ta' Jannar, 1999, il-Pulizija ghamlet *raid* fl-appartament tal-imputat Kevin Gatt u fil-vicinanzi ta' dan il-flat

kien hemm l-imputat li kien qed jahdem fuq mutur. Il-Pulizija u l-imputat dahlu fil-flat in kwistjoni u fil-presenza tal-istess imputat il-Pulizija bdiet taghmel *search*. F'din it-tfittxija il-Pulizija elevat diversi oggetti konnessi mal-ispacc tad-droga kif ahjar deskritti fir-rapport tal-espert forensiku l-ispizjar Mario Mifsud li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jezamina l-oggetti elevati mis-Scene of the Crimes Officers PC 659 Jeffrey Hughes u PC 1253 Frederick Brincat (fol 106 et seq tal-atti processwali)

Wara li saret din s-*search* il-Pulizija kompliet tintensifika l-investigazzjoni taghha u fil-fatt bdiet tarresta lil xi persuni li setgha kellhom konnessjoni mal-imputat. Il-Pulizija kellmet lil Justin Said, Ivan Debattista, Sean Tabone u lil Mark Pisani. Illi waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija dawn l-erba minn nies stqarru mal-Pulizija li kienu hadu xi droga u fil-fatt kienu jixtruha minghand l-imputat Kevin Gatt.

Il-Pulizija sussegwentement bdiet tinvestiga lil imputat u nhar l-hmistax ta' Jannar, 1999 l-imputat irrilaxxja stqarrija esibita fl-atti bhala dokument NA 2 pero ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda u li ma jiffirmahix. L-ghada, sitta ta' Jannar, 1999, l-imputat irrilaxxja stqarrija ohra li giet mmarkata bhala dokument

NA 3 u minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li verament l-imputat kien jittraffika fid-droga fil-fatt sahansitra ddikjara li l-oggetti li nstabu fil-fond mill-Pulizija kienu tieghu.

Fil-hamsa w ghoxrin ta' Jannar, 1999 il-Pulizija ressqet lil **Mark Pisani** jixhed fejn qal li xtara d-droga kokaina minghand l-imputat li gharaf presenti fl-awla, xi erba darbiet bil-prezz ta' ghoxrin lira kull nofs gramma u li kien ha xi *joint* ghand l-imputat Kevin Gatt minghajr hlas.

**Justin Said** xehed fl-istess jum u stqarr li huwa wkoll kien xtara d-droga kokaina minghand l-imputat f'diversi okkazzjonijiet. Ftakar wkoll li kien hemm xi okkazzjoni meta xtara xi pilloli *ecstasy* minghand l-imputat ghal prezz ta' ghaxar liri maltin.

**Shaun Tabone** kkonferma wkoll li bejn il-perjodu tal-Milied tal-1998 u l-ewwel tas-sena 1999 huwa kien xtara d-droga eroina minghand l-imputat ghal prezz ta' ghaxar liri maltin.

**Ivan Debattista** wkoll prodott mill-Prosekuzzjoni, kkonferma li kien xtara d-droga kokaina minghand l-imputat fl-

istess perjodu ta' madwar il-Milied tal-1998 u l-ewwel tas-sena 1999.

**Daniel Borg** xehed fit-tmintax ta' Marzu, 1999 fejn qal li hu diga ghadda proceduri kriminali quddiem l-Qorti akkuzat fuq pussess ta' *ecstasy*, liema proceduri kienu decizi. Huwa gharaf lil imputat bhala l-istess persuna li xtara d-droga *ecstasy* minghandu f'xi erba okkazzjonijiet u dan bil-prezz ta' seba u ghoxrin lira maltin. Huwa ftakar li skond ma qallu l-imputat l-*ecstasy tablets* kienu tal-marka Mitsubishi.

Il-Prosekuzzjoni ressqet wkoll lil **PC 682 Michael Cutajar** jixhed sabiex jispjiega kif kienet qed tigi operata s-*search* in kwistjoni fil-proprjeta mikrija lil imputat. Illi d-Difiza permezz ta' verbal appositu registrat nhar l-erbgha ta' Frar, 1999 (a fol 55 tal-atti) ezentat lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda ohra dwar is-sejba ta' droga li nstabet fl-appartament uzat mill-imputat peress li qablet max-xhieda tal-Ispettur Neville Aquilina li qal li d-droga li giet elevata u mghoddija lil Ispizjar Mario Mifsud instabet fil-flat tal-imputat fil-presenza tieghu u parti minnha fuq insistenza u ko-operazzjoni tieghu.

Illi l-Ispizjar Mario Mifsud ppresenta r-relazjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument CSH 1 a fol 105 tal-process. Min ezami akkurat ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-oggetti li gew mghoddija lilu ghall-ezami forensiku gew elevati minn PC 1253 Frederick Brincat u PC 659 Jeffrey Hughes, esperti nominati bhala Scene of the Crime Officers mill-Magistrat Inkwerenti (vide submission form a fol 118). Minn analizi w ezami li l-istess esperti ghamlu fuq id-dokumenti rrizulta il-presenza ta' sustanza li tigi mill-pjanta ta' Cannabis u cioe THC – ir-raza tal-pjanta Cannabis. Inoltre fuq dokumenti ohra nstabet presenza ta' kojkaina – u Lysergie Acid Diethylamide – kif ahjar maghruf LSD u Ecstasy.

Illi d-droga THC u cioe r-raza tal-pjanta tal-Cannabis hija sustanza kkontrollata bil-ligi taht t-Taqsima III (Sec. 8(a) sa 8(e) tal-Kap 101.

Id-droga Ecstasy tal-marka Mitsubishi hija sustanza kkontrollata bil-ligi taht it-tielet skeda parti A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-droga Kokaina hija sustanza kkontrollata bil-ligi taht l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk jirrizulta bla dubbju ta' xejn li s-siustanzu li nstabu ghand l-imputat kif deskritt aktar 'l fuq huma droga kontrollata bil-ligi.

Illi rigward is-sejba tal-karta ta' ghaxar liri fil-fond tal-imputat allegatament falza il-Qorti kienet nnominat lil George Schiro sabiex, bhala espert tal-valuta legali mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta jesamina dan d-dokument esibit f'dawn l-atti u jistabilixxi jekk dan d-dokument huwiex valuta legali jew le. Fit-tletin ta' Lulju,1999 xehed George Schiro, Manager fl-*Issues Office* tal-Bank Centrali ta' Malta li ddikjara li wara li ezamina il-karta ta' ghaxar liri esibita f'dawn l-atti, dehrlu li kienet wahda falza u cioe mhux mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta u dan ghal diversi ragunijiet kif imsemmija fir-relazzjoni tieghu esibta wkoll f'dawn l-atti markata bhala dokument GS a fol 182 tal-istess atti odjerni.

L-imputat f'dawn il-proceduri ma xehdtx pero waqt l-investigazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva, huwa rrilaxxja b'mod voluntarju zewg stqarrijiet li gew mmarkati bhala dokument NA 2 u dokument NA 3 u li jinsabu esibiti fl-atti a fol 31 et seq.

L-imputat ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda maghmula lilu f'din l-ewwel stqarrija dokument NA 2, pero, rigward l-istqarrija dokument NA 3, s-sitwazzjoni hija totalment differenti u dan ghaliex b'mod dettaljat jammetti l-pussess tad-droga LSD, Ecstasy u weraq tal-Cannabis tar-resin. Inoltre, fl-ahhar parti tal-istatement tieghu l-istess imputat Kevin Gatt, jammetti b'mod car u univoku li kien jittraffika fil-bejgh tad-droga ghal perjodu ta' zmien. Huwa fil-fatt jsemmi il-perjodu ta' tlett xhur qabel Jannar, 1999. Huwa spjiega x'tip ta' droga kien jbiegh u cioe l-*ecstasy* ghal prezz ta' tmin liri maltin u daqqa ghaxar liri maltin, ir-resin tal-Cannabis ghal prezz ta'ghaxar liri maltin il-bicca, LSD ghal prezz ta' erbgha liri jew erbgha liri u nofs il-bicca u l-kokaina ghal prezz ta' erbghin lira il-gramma. Huwa spjiega b'mod sincier minn fejn kien ottjena dawn t-tipi ta' drogi, meta kien jottjenihom u kemm hallas ghalihom.

Illi dawn l-fatti kif esposti mill-imputat Kevin Gatt ma gewx kon tradetti fl-ebda stadju tal-proceduri u fil-fatt d-Difiza tieghu apparti xi punti legali, kienet tikkoncerna biss il-mitigazzjoni fil-piena, ghalkemm ammissjoni fuq uhud mill-akkuzi ma rregistrax.

Il-Qorti thoss li ghandha tara jekk l-akkuzi odjerni jirrizultawx b'mod distint u separat.

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik ta' pussess u traffikar fil-medicina specifika u psikotropika, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

Illi minn ezami tal-artikolu 40A(2), medicina psikotropika tfisser kull medicina jew kimika kif imnizzlin fit-tielet skeda li tinsab ma din l-Ordinanza. Issa rigward il-pilloli *ecstasy* jew kif ahjar maghrufa MDMA (methylene dioxymethom phetamine) din din tinsab fil-lista tal-Medicini Perikoluzi fil-parti A tat-tielet skeda tal-Kap 31. Pero din il-medicina ma tinsabx fil-parti B ta' dik l-iskeda u cioe mhux konsidrata bhala medicina specifika. Illi ghalhekk kif stqarr l-Ispizjar Mario Mifsud a fol 117 tal-atti, is-sejba tal-pilloli bojod Mitsubishi ghandhom sustanza ta' MDMA li hija kontrollata bil-ligi taht t-tielet skeda parti A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bir-rispett kollu pero l-imputat ma giex akkuzat li kellu fil-pussess tieghu droga psikotropika perikoluza kif del resto hi izda li kellu droga psikotropika u specifikata. Illi minn imkien ma

jirrizulta li tali droga hija specifikata wkoll u stante li l-akkuza li giet moghtija fil-konfront tal-imputat titkellem dwar medicini psikotropici u specifikati, il-Qorti ma tistax ssibu hati ta' din t-tielet akkuza fuq punt procedurali. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija lilha mid-Difiza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Omar Mifsud** ***deciza fis-sitta ta' Jannar, 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.***

Dwar r-raba akkuza u cioe dik ta' traffikar ta' droga kokaina ma hemmx dubbju li din tirrizulta semplicement minn ezami tar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud u l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarria li d-droga li nstabet fil-flat kienet tieghu. Din l-akkuza ghalhekk tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar l-ewwel akkuza u cioe dik ta' pussess tad-droga kokaina, din tirrizulta ppruvata wkoll mix-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud u minn dak li qal l-imputat stess.

Dwar r-raba akkuza u cioe li kellu d-droga kokaina mhux ghal uzu esklussiv tieghu din tinsab inkorporata fl-ewwel akkuza li l-Qorti diga saibitu hati taghha u cioe li ttraffika fid-droga eroina. S'intendi, jekk l-imputat qed jittraffika fid-droga kokaina, allura

huwa naturali li se jkollu fil-pussess tieghu l-istess droga mhux ghall-uzu personali tieghu. Illi ghalhekk din tirrizulta wkoll inkorporata fl-ewwel akkuza. Naturalment din l-akkuza inghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza f'kaz li ma tirrizultax.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik ta' traffikar ta' raza mehuda mill-pajnta Cannabis, din tirrizulta wkoll flimkien mal-hames w s-sitt-akkuza. Hawnhekk il-Qorti ma taqbilx li l-hames w s-sitt akkuza huma il-mezz biex jsehh il-fini tal-ewwel akkuza ghaliex bniedem jista jinstab hati talli ttraffika minghajr ma kellu l-pussess. Illi ghalhekk din t-tielet akkuza tirrizulta ppruvata b'mod distint.

Dwar is-sebgha akkuza u cioe li l-imputat kellu fil-pussess tieghu biljett ta' flus falsifikat meta kien jaf li ffalsifikat, il-Qorti taghmel is-segwenti kummenti. Ma hemm ebda dubbju li bhala fatt, il-Prosekuzzjoni bix-xhieda ta' George Schiro irnexxilha tipprova l-falsita tal-karta ta' ghxar liri li nstabet fil-pussess tal-imputat. Falza fis-sens li ma kienetx mahruga bhala valuta legali mill-Bank Centrali ta' Malta. Il-ligi pero tirrikjedi li l-possessur ikun xjenti li ghandu tali dokument falz u dan minghajr skuza legittima jew ragjonevoli. Dan, il-legislatur ghamlu bi hsieb sabiex

kemm jista jkun jevita l-ispacc ta' karti ta' flus foloz. Illi minn ezami tal-istqarrija tal-imputat kif jirrizulta a fol 32 tal-atti odjerni, l-imputat kien jaf li l-karta ta' ghaxar liri kienet falza ghaliex meta l-Prosekuzzjoni staqsitu ghaliex m'ghamilx rapport l-Ghassa jerw ghaliex ma marx l-Bank biha, huwa rrisponda "*bi traskuragni. Kien bi hsiebni mmur l-Ghassa biha. Anzi kont bi hsiebni li mmur il-postijiet tal-Places, Barfunk u l-Havana.*" Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li l-imputat kien xjenti tal-pussess u ma kellux skuza legittima jew ragjonevoli ghal pussess taghha.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Kurt Camilleri** deciza fid-dsatax ta' Lulju, 2000 dwar dak rikjest ghall-ezistenza ta' dan r-reat. Illi ghalhekk din l-akkuza tirrizulta ppruvata wkoll.

Dwar t-<u>tmien akkuza</u> u cioe talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1997, rat s-sentenza esibita bhala dokument NA li tinsab a fol 65 tal-atti odjerni pero din ma gietx konfermata fil-konfront tal-imputat dwar l-identita tieghu u ghalhekk tali akkuza ma tistax tirrizulta.

Dwar il-piena:

Illi fuq domanda tal-imputat stess, il-Qorti kienet nnominat Probation Officer fil-wiehed u tletin ta' Jannar, 2000 sabiex thejji *pre-sentencing report* dwaru u fil-fatt fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 2000, Miriam Falzon Sevasta, Probation Officer f'dan il-kaz, xehdet w esibit r-rapport taghha.

Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat trabba bla missier, pero ommu dejjem ghamlet sagrificji kbar ghalih. Huwa bniedem intelligenti u qatt ma habbatha fl-iskola. Fil-fehma tal-Probation Officer, l-imputat huwa bniedem responsabbli u jaf u kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu meta jrid. Huwa sab hafna tfixkil f'hajtu u ilu bil-problema ta' droga skond ma qalet ommu lil Probation Officer, minn meta kellu sbatax il-sena u cioe ghal sebgha snin shah. Illi jirrizulta li pero kien hemm xi zmien f'dawn l-ahhar sebgha snin meta kien waqaf mili jiehu d-droga waqt li kien taht ordni ta' probation u ricentement b'effett minn Mejju, 1999, cioe hames xhur wara li tressaq il-Qorti, reggha beda jattendi *Couselling Sessions* f'Gubbio, Sedqa, fuq bazi regolari.

Illi l-imputat ressaq bhala xhieda lil min kien jhaddmu u cioe Jason Pace tal-Argentinian Steak House, u lil Jason Grech, Food and Beverages Manager ma Howard Johnson Hotel, maghruf bhala d-Diplomat Hotel li t-tnejn qalu l-imputat huwa bniedem stabbli u habbriki hafna fuq ix-xoghol, fis-sens li qatt ma kellhom xi jghidu fin-negattiv dwaru.

**Xehdet** wkoll **Josette Camilleri** li hija rappresentant tas-Sedqa, minn fejn jirrizulta li l-imputat wera determinazzjoni qawwija sabiex johrog minn din il-problema ta' droga u attenda *counselling* b'mod regolari u l-*urine tests* tieghu dejjem hargu negattivi. Huwa ghandu relazzjoni posittiva hafna mat-tfajla tieghu u ghandu xoghol regolari.

Illi l-Avukat Difensur sostna li f'dan il-kaz, l-imputat ghandu jibbenefika mir-riduzzjoni ta'piena f'kaz ta' htija skond l-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li meta persuna tinsab hatja ta' reat kontra din l-Ordinanza u l-Prosekuzzjoni tkun ddikjarat fil-process li dik il-persuna tkum ghenet lil Pulizija biex taqbad lil persuna jew il-persuni li jkunu

pprovdewlha l-medicina jew il-persuna misjuba hatja kif intqal qabel tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun hekk ghenet lil Pulizija, il-piena titnaqqas.

Illi din il-Qorti harset lejn d-*debates* li ghadew mill-Parlament u partikolarment lejn dawk tas-seduta numru 283 tal-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru, 1985 minn fejn jirrizulta a fol 208 ta' dawk d-*debates* li peress li huwa difficili hafna li *addict* jizvela l-identita tal-ispaccatur, il-legislatur haseb li min jkollu dan il-kuragg u jghin lil Pulizija Ezekuttiva sabiex issib min qed jissupplixxi d-droga, allura ghandu jibbenefika minn riduzzjoni ta' piena. Dan, il-legislatur ghamlu, fi kliemu stess, bhala incentiv sabiex jghin lil Pulizija Ezekuttiva fl-investigazzjoni taghha bl-isperanza li jinqabdu l-*big fish*. Il-legislatur fil-fatt insista li jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena minn verament jikxef l-ispaccatur. Il-legislatur ma kkwalifikax dan l-artikolu fis-sens li ta xi dettalji kif kellu jkun l-informazzjoni li kellha tigi mghoddija lil Pulizija. Anzi, a fol 210 tal-istess *debates,* il-Professur De Marco waqt li kien qed jitkellem dwar din l-ligi, qal wkoll li d-*drug addict* ghandu jaghti informazzjoni lil Pulizija li tista taghmel *raid* fuq dik il-persuna, tigbor l-informazzjoni dwarha u mbaghad ex admissis jghid "*sta ghall-Pulizija li ggib il-provi li jikkorroboraw dik l-informazzjoni li*

*jista jkun ta' dak il-vittma li sabiex jottjeni d-droga iku qed jispacca huwa wkoll.*"

Illi l-Prosekuzzjoni donnha nferiet fit-trattazzjoni taghha li sabiex ikun applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap 101, l-imputat irid ikun ta x-xhieda tieghu bil-gurament. Id-Difiza, minn naha l-ohra qed ssostni li dak li jghid l-imputat, irid jghamlu u jghidu fis-sens li jkun ghen fl-investigazzjoni mhux li huwa strument ghal tali investigazzjoni.

Illi l-Qorti hija propensa tghid li taqbel mal-Avukat Difensur f'dak li ntqal aktar 'l fuq dwar l-applikabilita tal-artikolu 29 u cioe li l-informazzjoni tkun ghenet lil Pulizija fil-investigazzjoni koncernata.

Il-Qorti ghalhekk esaminat l-istqarrija markata bhala dokument NA 3 fl-atti odjerni a fol 34 et seq sabiex tara jekk dak li qal l-imputat setghax ghen lil Pulizija fl-investigazzjoni. L-istqarrija inkwistjoni hija forma ta' storja fejn l-imputat irrakkonta b'mod dettaljat dak li kien jaghmel fis-sens ta' kemm ilu jiehu d-droga u perjodu kemm ilu jbiegh din d-droga, x'tip ta' droga kellu, fejn kien jzommha u minn fejn kien jixtriha. Il-Qorti ma thossx li

ghandha temmen lil imputat in parte u mhux in toto fis-sens li temmnu dwar il-bejgh u l-pussess u mhux rigward minn fejn hu kien jottjeni tali droga. L-imputat deher genwin fl-istqarrija dokument NA 3 u ghalhekk il-Qorti ma thossx li m'ghandhix taghti kredibilita lil dak li stqarr. Il-Qorti, fil-fatt hija sodisfatta b'dak li qal l-imputat fis-sens li huwa qal il-verita u qal dak kollu li kien jaf u gie mistoqsi dwaru. Issa meta l-imputat ghazel li jsemmi certi nies minghand min kien jixtri d-droga u cioe li kien xtara d-droga resin minghand certu Josef ta' nazzjonalita Gharbija, habib ta' Malti Gino, u li huwa ddeskriva lil dan Josef bhala ragel ta' tmienja w ghoxrin sena, fih tifel, b'xaghru iswed jew kannella skura li jiffrekwenta il-Black Gold. Dwar d-droga kokaina, huwa jsemmi lil certu Jason, imlaqqam il-Pajsu, maghruf bhala l-Pajsu tal-Pieta. Qal li kien ikun f'karozza Golf ta' kulur maroon u li kienu jiltaqghu Bugibba, vicin il-pjazza. Rigward l-LSD huwa jghid li kien jixtriha minghand ragel li kien jiffrekwenta l-istabiliment maghruf bhala Impact Bar li qieghed Paceville. Huwa jghid li ma jiftakarx ismu, li ghandu sbatax il-sena, bajdani, qasir w irqieq.

L-Ispettur Neville Aquilina a fol 26 et seq tal-process in kontro ezami jghid li huwa kien qed jinvestiga lil din il-persuna maghrufa bhala l-Pajsu, ghaliex fil-fatt kien issemma minn xi nies

ohra u fil-fatt l-investigazzjoni kienet ghadda ghaddejja. Fil-konfront tan-nies l-ohra imsemmija mill-imputat lil Ufficjal Prosekutur, il-Pulizija kienet ghadha qed tinvestiga.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li bhala fatt ghenet l-informazzjoni moghtija minnu lil Prosekuzzjoni fl-investigazzjoni taghha. Huwa semma wkoll min kien jfornih bid-droga *ecstasy* ghaliex fil-fatt semma lil Isaac li ghandu Alpha sportiva griza li joqghod f'dar antika f'Tigne u li huwa habib ta' Vicky bin s-sid tal-Kantina Restaurant. Illi ghalkemm din l-informazzjoni ma tghinx fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 ghaliex fil-fatt l-*ecstasy* hija droga kontrollata permezz tal-Kap 31 Ordinanza dwar il-Professjoni Medika. Pero xorta minn din l-informazzjoni jirrizulta li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fl-investigazzjoni taghha.

Id-Difiza sostniet wkoll li l-ammont ta' droga misjuba ma kienx kbir. Dwar dan il-Qorti ma taqbilx mad-Difiza, ghaliex apparti l-ammont li nstab ghand l-imputat, kif deskritt mill-Ispizjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu, jirrizulta wkoll l-varjazzjoni li kien hemm. Dwar dan l-imputat ma tantx ghandu x'jghid ghaliex huwa indikattiv tal-intenzjoni li kellu li huwa kien f'posizzjoni li

jforni kull tip ta’ droga lil kull min jistaqsih, naturalment kif fil-fatt qal hu stess, bi qliegh minumu ghalkemm qliegh. Huwa minnu pero kif sostniet d-Difiza li l-perjodu ta’ dan t-traffikar dam massimu ta’ sitt xhur. Ghalkemm il-perjodu forsi jista jitqies qasir, xorta l-imputat lahaq ghamel hafna hsara w induca numru ta’ nies ghat-tehid tad-droga specjalment f’perjodu ta’ festi madwar il-Milied.

Illi l-gravita tal-kaz ma jiddependix fuq l-perjodu izda kwalsiasi operazzjoni ta’ traffikar, zghir kemm huwa zghir, hija hazina u ghandha dejjem u f’kull kaz tigi kundannata bil-qawwa kollha. Illi din hija problema serja u reat komuni li qed jkollha s-socjeta maltija u ghalhekk il-Qorti ghandha tkun ta’ mezz sabiex kemm hu possibbli, fil-limiti taghha, twaqqaf dan t-tip ta’ spacc akkost ta’ kollox.

Id-Difiza qajmet wkoll il-kwistjoni li llum il-gurnata, kif gie deciz minn din l-Qorti kif preseduta recentement fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason (Jesmond) Cini** ***deciza nhar t-tnax ta’ Frar, 2001,*** l-iskop ta’ piena llum mhux dak ta’ deterrent jew retribuzzjoni izda ta’ rihalilitazzjoni. Naturalment il-Qorti taqbel ma dak premess pero naturalment il-Qorti ma tistax ma

tikkundannax l-agir illegali tal-imputat u tikkreja bilanc bejn il-piena li ser taghti u l-interess tas-socjeta. Ghaliex wara kollox, l-imputat jifforma parti minn din s-socjeta u huwa jrid jirrintegra ruhu f'din l-istess socjeta.

Il-Qorti ma tistax thalli lil min jahseb li ma jistax jigi kkundannat ghal ghemilu una volta tali ghemil ikun mhux dak permess.

Illi jirrizulta mill-atti li l-imputat llum il-gurnata donnu gharaf t-triq t-tajba u cioe li ghandu jzomm 'l boghod mill-kriminalita u cioe b'mod partikolari mit-traffikar ta' droga pero jirrizulta wkoll li l-imputat kellu certa edukazzjoni, dejjem mar tajjeb fl-iskola u ghalhekk kellu certu mod ta' intelligenza u ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta li l-imputat ma kienx koxjenti ta' dak li kien qed jaghmel jew ahjar li m'gharafx il-hazen ta' dak li kien qed jaghmel. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ghamel dak li ghamel sabiex jzomm u jiffinanzja l-vizzju li kellu tad-droga. Anzi, ghal kuntrarju, jirrizulta li l-imputat ghamel dak li ghamel ghal qliegh bhala business.

Ghalhekk ghalkemm huwa veru li l-imputat llum forsi tbiddel u qed jghix hajja biezla, xorta il-Qorti thoss li ghandha tikkundanna bil-qawwa kollha dak li ghamel tul dawk s-sitt xhur qabel Jannar, 1999.  Il-Qorti tiehu pjacir tisma dwar il-progess li ghamel l-imputat u fil-fatt tawgura li jibqa fuq din t-triq t-tajba.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u partikolarment l-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 8(a), 8(d) tal-Kap 101, GN 292/1939, 5(1) tal-Avviz legali 22 tal-1985 kif emendati u 35(B) u 89A w t-tielet skeda tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom Kap 31, l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985, 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, Section 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddikjara li **ssib lil imputat KEVIN GATT mhux hati tat-tielet w t-tmien akkuza u tilliberah minnhom, pero tiddikjara li ssibu hati tal-akkuzi l-ohra kollha u bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs minn liema perjodu ghandu jitnaqqas z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.**

**Inoltre, tikkundanna lil imputat jhallas multa ta' elf lira maltin u f'kaz li din il-multa ma tithallasx din ghandha tigi konvertita f'mitejn jum addizzjonali ta' prigunerija.**

**Tordna li d-droga esibita f'dawn l-atti tigi distrutta u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtirha minn dawn l-atti u jiddistruggiha.**

**Tordna wkoll li l-ghaxar liri falza esibita fl-atti tigi konfiskata u depositata fil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika bhala depositu ta' flejjes foloz.**

**Oltre dan tikkundanna wkoll lil imputat jhallas l-ispejjes involuti fin-nomina tal-espert George Schiro fl-ammont ta' ghoxrin lira maltin u hamsin centezmu lir-Registratur tal-Qorti fi zmien gimgha minn meta jigi hekk imsejjah.**

**Il-Qorti mhux ser tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-esperti l-ohra peress li dawn l-esperti gew nominati fi stadju tal-inkjesta u in linea tas-sentenza moghtija nhar s-sittax ta' Jannar, 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia ma jistghux jigu**

**addebitati lil imputat stante li gew inkorsi fl-inkjesta u mhux fil-kumpilazzjoni.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**